Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15334/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0335(NLE)

MAR 192
OMI 80
ENV 1356
CLIMA 612

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	ANNESS tad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fil-85 sessjoni tiegħu u fit-tkomplija tat-tieni sessjoni straordinarja tiegħu, kif ukoll fit-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Intersessjonali tiegħu dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri (ISWG-GHG) rigward l-adozzjoni prevista tal-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL)

ANNESS

Prinċipji gwida msemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3:

1. L-Unjoni għandha tappoġġa pakkett finali ta' miżuri ta' tnaqqis ta' gassijiet serra ta' nofs it-terminu li jwettqu l-miri tal-Istrateġija GHG 2023 tal-IMO, b'mod partikolari l-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal żero netti sal-2050 jew madwar dik is-sena, jiġifieri qribha, fuq bażi well-to-wake.

2. L-Unjoni għandha tippromwovi pakkett finali li jiżgura trattament nondiskriminatorju u li jnaqqas kemm jista' l-piż amministrattiv.

3. L-Unjoni għandha tiżgura li l-pakkett finali jipprevedi infurzar effettiv u konsistenti, inkluż il-monitoraġġ u l-verifika, filwaqt li jippermetti flessibbiltà għall-vapuri biex jikkonformaw mal-miri tiegħu.

4. L-Unjoni għandha tappoġġa li l-pakkett finali jinkludi mekkaniżmu ċar għall-element ekonomiku li jikkomplementa l-element tekniku, permezz ta' żewġ trajettorji ta' tnaqqis jew mekkaniżmu ekwivalenti li jaqdi l-istess skop.

5. L-Unjoni tista' taċċetta trajettorja b'inqas skossi għat-tnaqqis fl-intensità ta' fjuwils b'emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni, dment li dik it-trajettorja tibda tiela' fis-snin ta' wara sabiex jinkisbu emissjonijiet żero netti sal-2050 jew madwar dik is-sena, jiġifieri qribha.

6. L-Unjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment ta' mira għat-tnaqqis fl-intensità ta' fjuwils b'emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2040 li tkun kredibbli u soġġetta għal rieżami li għandu jsir sal-2035.

   L-Unjoni għandha tappoġġa li tali rieżami jqis l-effettività tal-miżura biex tilħaq il-miri ta' tnaqqis tagħha u biex tinċentiva l-iżvilupp ta' suq alternattiv tal-fjuwils għat-tbaħħir, u li għandu:

   (a) jinkludi indikaturi oġġettivi u trasparenti;

   (b) jirrieżamina u jemenda, jekk ikun xieraq, il-mira ta' tnaqqis għall-2040;

   (c) jistabbilixxi l-miri ta' tnaqqis sal-2050; u

   (d) ma jikkompromettix il-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija GHG 2023 tal-OMI.

7. Fir-rigward tal-opzjonijiet ta' flessibbiltà għall-konformità mal-miri ta' tnaqqis, l-Unjoni għandha tappoġġa li l-konformità żejda ta' vapur f'sena partikolari tista' tirrimedja l-konformità nieqsa ta' dak il-vapur matul ammont limitat ta' snin li ġejjin, soġġett għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' salvagwardja li jipprevjeni d-distorsjoni tas-suq.

8. L-Unjoni għandha tkun lesta tqis l-iżvilupp ta' opzjoni ta' flessibbiltà addizzjonali għall-konformità mal-miri ta' tnaqqis, li tagħti mekkaniżmu li jippermetti lill-vapuri jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew jinvestu fi proġetti b'rata definita mill-OMI deċiża minn qabel. L-appoġġ għal tali opzjoni ta' flessibbiltà għandu jingħata bil-kundizzjoni li din ma ddgħajjifx il-konformità diretta u dment li jkunu inċentivati l-investimenti fit-tul u newtrali fir-rigward tal-fjuwil u t-teknoloġija li jippromwovu t-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tat-tbaħħir, u li jiġu introdotti integrità ambjentali ċara, tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun verifikabbli u permanenti, u salvagwardji għall-prevenzjoni tal-għadd doppju u għat-trasparenza.

9. L-Unjoni għandha tappoġġa li, permezz tal-element ekonomiku, jiġu inċentivati fjuwils, teknoloġiji u sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet żero jew kważi żero ta' gassijiet serra fis-settur tat-tbaħħir. L-Unjoni għandha tkun lesta tqis l-użu ta' multiplikaturi għall-konformità żejda mwettqa minn vapuri li jużaw teknoloġiji u fjuwils b'emissjonijiet żero jew kważi żero ta' gassijiet serra dment li tiġi limitata d-durata, jiġi pprevenut l-għadd doppju, u l-mira ta' emissjonijiet żero netti tal-pakkett finali tal-miżuri ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' nofs it-terminu ma tiġix ipperikolata u l-integrità ambjentali tal-miżuri tiġi żgurata.

10. L-Unjoni għandha tappoġġa mekkaniżmu li jinċentiva modi ċari u plawżibbli biex tappoġġa lill-pajjiżi kollha, b'mod partikolari lill-Istati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw (SIDS) u l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs), biex jieħdu sehem fit-tranżizzjoni tat-tbaħħir, bħala mezz biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u ekwa tas-settur tat-tbaħħir.